**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 11/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Denise Mula)**

**Vs**

**JESMOND TONNA**

**Illum, 6 ta'Lulju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Jesmond Tonna talli nhar l-4 ta'Gunju, 1999, ghal habta ta' 12.20 p.m., fi Triq il-Qanneb, Triq Santa Margherita, u Triq l-Immakulata Koncezzjoni, San Gwann, saq il-vettura (bowser) bin-numru tar-registrazzjoni DBE-582 :

1. Minghajr ma kien licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jintuza fi triq (licenzja mhux renovata) ;
2. Minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni ;
3. Saq l-istess vettura b'manjera perikoluza ;
4. B'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragini w b'nuqqas ta'tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna hsarat fil-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni BAH-096 ghad-dannu ta'Dennis Micallef ;
5. CLA-143 ghad-dannu ta'Claudia Vella ;
6. FBG-849 ghad-dannu ta'Mario Abela u KAS-289 ghad-dannu ta'Antonio Tufigno ;
7. Involontarjament ikkaguna hsarat fil-propjeta' ta' "Villa Huana", Triq Santa Margherita, San Gwann, ghad-dannu ta'Hubert Mifsud.

Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex f'kaz li ssib htija f'Jesmond Tonna, tiskwalifikah mill-licenzji tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 17 ta'Jannar, 2001, li biha sabet u dikjarat lill-Jesmond Tonna hati ta'dawn l-akkuzi kollha dedotti kontrih, u, ghalhekk, ikkundannatu Lm30 Multa fuq l-ewwel akkuza, Lm250 Multa fuq it-tieni akkuza, Lm40 Multa fuq it-tielet akkuza, kif ukoll Lm15 Multa fuq kull wahda mir-raba, il-hames, is-sitt w is-sebgha akkuzi (b'kollox Lm 380). Inoltre, ordnat l-iskwalifika tal-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Jesmond Tonna datat 23 ta'Jannar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah mill-akkuzi kollha dedotti kontrih, u, f'kaz li tikkonferma l-htija, tghati piena aktar xierqa.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mill-provi li semghet din il-Qorti, li ghandha ragjonevolment tahseb li sostanzjalment kienu l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti, il-fatti addebitati lill-appellant jirrizultaw manifestment ipprovati. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba jew tindahal fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti w tara li l-apprezzament tal-provi li sar minnha kien wiehed regolari fis-sens li in bazi ta' dawn il-provi, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib u tiddikjara htija fl-appellant, allura imputat, fl-akkuzi kollha dedotti kontrih.

Anke ghal dik li tirrigwarda l-piena, din kienet wahda adegwata fic-cirkostanzi tal-kaz. Dan kien incident ikrah hafna li setgha halla warajh konsegwenzi ferm aktar serji, anke tragici jew fatali, minn dawk li fil-fatt gara. Il-konsegwenzi ta'dan l-incident huma gja' gravi bizzejjed, u, ghalhekk, il-piena moghtija mill-ewwel Qorti mhiex xi wahda sproporzjonata jew eccessiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-appell ta'Jesmond Tonna w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur